MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1354/2002/1

***Raymond Gatt fil-kwalita' tieghu ta' stralcarju tas-socjeta' Continental Postform Limited***

***vs***

***F.Mercieca & Sons Mobili Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta' seba' mija u erbgha u tletin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm734.25c) rappresentanti prezz bilancjali ghal materjal mibjugh mis-socjeta' *Continental Postform Limited* lill-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra datata 25 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet legali li jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali u cioe' mit-30 ta' Jannar 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha hija ecceppiet preliminarjament illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u inoltre fil-mertu illi l-materjal mibjugh ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Sema' x-xhieda ta' Marcel u Lino Mercieca in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll ta' Charles Busuttil ghan-nom ta' l-attur nomine.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' d-Dokument MM1, ipprezentat mix-xhud Marcel Mercieca u Dokument CB1, ipprezentat mix-xhud Charles Busuttil

Ikkunsidra:

Illi x-xhud Marcel Mercieca in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta ezebixxa *statement* ta' xoghol illi s-socjeta' konvenuta kienet xtrat minn ghand is-socjeta' *Continental Postform Limited* li minnha jirrizulta illi b'konsegwenza ta' *debit note* li nghatat fil-31 ta' Dicembru 1998, il-bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta inqata' ghal kollox. Ighid illi l-ahhar darba illi huma xtraw xi merkanzija minnghand is-socjeta' *Continental Postform Limited* kien f'Mejju 1996 kif jirrizulta mill-*istatement* immarkat bhala Dokument MM1. Dana gara peress illi l-merkanzija konsenjata konsistenti f'ucuh tal-postform ma kienux tal-kwalita' pattwita u kien qed ikun hemm hafna ilmenti minn naha tal-klijenti tas-socjeta' konvenuta tant illi kellhom anke jissostitwixxu dan ix-xoghol bi spejjez u telf ulterjuri. Ghalhekk l-ahhar pagament li kien gie effetwat kien fis-7 ta' Gunju 1997 ammontanti ghal Lm500 biex b'hekk kien ghad fadal bilanc ta' Lm734.775, liema ammont is-socjeta' konvenuta ma kienitx lesta li thallas. Ghalhekk kien sar ftehim verbali mas-socjeta' *Continental Postform Limited* illi minhabba l-ilmenti taghhom rigward ix-xoghol hazin konsenjat lilhom, l-ammont ma kellux jithallas sakemm isir arrangament dwar danni li s-socjeta' konvenuta kienet sofriet minhabba x-xoghol hazin li kien gie ikkonsenjat u cioe' li issir tpacija fis-sens illi s-socjeta' konvenuta ma thallasx il-bilanc dovut

u s-socjeta’ *Continental Postform Limited* ma tkunx responsabbli ghal hsarat sofferti minnhom.

Ighid illi huwa kien ghamel dan il-ftehim ma’ certu Emanuel li kien jiehu hsieb il-fabbrika f’dak iz-zmien. Il-ftehim qatt ma sar bil-miktub. Minn dak iz-zmien, huma ma kellhomx kuntatti ohra minn naha tas-socjeta’ *Continental Postform Limited.* Jiftakar madanakollu ili s-socjeta’ konvenuta kienet irceviet ittra ufficjali fis-sena 2001. Illi f’Dicembru tal-1998, l-*accountants* tas-socjeta’ konvenuta kienu nizzlu l-ammont bilancjali bhala *written off*.

Ix-xhud Lino Mercieca, rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta jikkonferma dak kollu illi jixhed Marcel Mercieca u jikkonferma illi kien hu personalment illi ttratta mas-socjeta’ *Continental Postform Limited* rigward il-hsarat sofferti minnhom.

Charles Busuttil, li kien direttur tas-socjeta’ *Continental Postform Limited* jikkonferma illi s-socjeta’ *Continental Postform Limited* kienet tipproduci *postform panels* li kienu jinbieghu lill-mastrudaxxa biex huma jaghmlu l-ghamara minnha. Huwa jezebixxi *statement* li minnu jirrizulta illi l-ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta huwa ta’ Lm764.25, id-Dokument CB1. Jikkonferma illi l-ahhar pagament li sar mis-socjeta’ konvenuta kien fit-3 ta’ Gunju 1997. Huwa jghid illi qatt ma kien hemm ilmenti minn naha tas-socjeta’ konvenuta rigward ix-xoghol hazin li kien qed jigi kkonsenjat u lanqas ma kienu saru trattativi mis-socjeta’ konvenuta fis-sens illi l-ammont dovut ma kellux jithallas u lanqas ma kien irceva korrispondenza f’dan is-sens. Ighid illi kienu jintabghtu *statements* regolari lis-socjeta’ konvenuta u li gie pprezentat att gudizzjarju fil-25 ta’ Jannar 2001 li gie innotifikat fit-30 ta’ Jannar 2001. Isostni illi d-dirigenti tas-socjeta’ konvenuta qatt ma kienu ilmentaw mieghu rigward ix-xoghol hazin li kien sar u li kieku kien hemm xi ilment kien jiehu hsiebu hu personalment. Jammetti illi meta kienu jkunu ammonti zghar dawn kien jiehu hsiebhom il-*partner* tieghu certu Emanuel Chircop u ghalhekk ikompli jichad illi kienu saru

trattativi biex l-ammont dovut ma jithallasx mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra:

**L-ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI**

Illi s-socjeta' konvenuta qed tinvoka l-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar kif prevista fl-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u cioe' dik l-azzjoni spettanti lill-kredituri ghal prezz tal-merkanzija, oggetti u affarijiet ohra mobbli mibjugha bl-imnut. Illi minn ezami tad-dokumenti esibiti u cioe' ta' l-*invoices*, jirrizulta illi din hija l-preskrizzjoni applikabbli ghal kaz in dizamina stante illi jidher illi s-socjeta' konvenuta kienet tixtri ammonti zghar ta' injam minn ghand is-socjeta' *Continental Postform Limited* skond il-bzonnijiet taghha u ghalhekk dana ma huwiex xi tip ta' bejgh bil-grossa (wholesale) li ghalih certament hija applikabbli l-preskrizzjoni tal-hames snin ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (ara sentenza *Emanuel Micallef pro.et.noe. vs Francis Mercieca* – Qorti ta' l-Appell – 26.05.1967)

Illi rigward il-fatti ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet hlief f'dak li jirrigwarda t-tpacija li allegatament saret ghax-xoghol hazin li kien gie kkonsenjat u dana kif qed tikkontendi s-socjeta' konvenuta u li ghalhekk kif qed tghid l-istess socjeta' illum l-ebda ammont ma huwa dovut.

Illi l-attur nomine, bhala prova rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta jiccita sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor.Imhallef Albert Magri) fl-ismijiet Carmelo Gauci vs Gaetano Avallone et., fejn saret referenza ghall-artikolu 2160 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi l-preskrizzjoni m'ghandhiex ikollha effett jekk il-parti li teccepiha, meta tinghata l-gurament, ma tistqarrx li mhijiex debitur jew ma tiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. Il-Qorti stqarret: *"Din id-dikjarazzjoni guramentata hija sine qua non ghall-applikabbilita ta' tali preskrizzjoni u fin-nuqqas din ma jkollha ebda effett ghall-azzjoni imposta."*

Illi ghalhekk it-Tribunal irid jinvestiga zewg punti importanti u dana in konnessjoni ma' dina l-eccezzjoni u cioe':

1. it-trapass taz-zmien

2. id-dikjarazzjoni minn naha tas-socjeta' konvenuta li hija ma hijiex debitrici fil-konfront ta' l-attur nomine.

Illi fir-rigward taz-zmien, jirrizulta illi l-preskrizzjoni li qed tigi eccepieta hija dik tat-tmintax-il xahar. Jirrizulta inoltre bhala fatt mhux ikkontestat illi l-ahhar pagament li kien sar mis-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' *Continental Postform Limited* sehh fit-3 ta' Gunju 1997. L-ittra ufficjali, ghalkemm din qatt ma giet esibita mill-attur nomine, jidher li giet ipprezentata fil-25 ta' Jannar 2001 u notifikata lis-socjeta' konvenuta fit-30 ta' Jannar 2001. Illi fil-31 ta' Dicembru 1998, is-socjeta' konvenuta nizzlet fil-kotba taghha bhala *written off* l-ammont bilancjali dovut lis-socjeta' *Continental Postform Limited*.

Illi l-uniku kontestazzjoni li saret hija fis-sens illi Charles Busuttil ighid fix-xhieda tieghu illi kienu jintbaghtu *statements* regolarment lis-socjeta' konvenuta, izda x-xhieda prodotta mis-socjeta' konvenuta u senjatament Mercel Mercieca jikkontendi illi minn Dicembru 1998, u anke minn xi zmien qabel sad-data li ircevew l-ittra ufficjali li jiftakar li kien fis-sena 2001, huma ma kienu semghu xejn minn naha tas-socjeta' *Continental Postform Limited* jew mill-istralcarju. Inoltre minn naha attrici qatt ma giet esibita prova ta' l-*istatements* illi allegatament kienu jintbaghtu. Ghalhekk ma hemmx dubbju illi kien hemm it-trapass tat-tmintax-il xahar kif eccepit mis-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha.

Fir-rigward ta' dak li jiddisponi l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, ghandu jinghad illi fil-kaz odjern is-socjeta' konvenuta qieghda tikkontendi illi l-ammont ma huwiex dovut u dana stante illi kienet saret tpacija mar-rappresentanti tas-socjeta' *Continental Postform Limited* fis-sens illi l-bilanc dovut ma kellux jithallas u dana bhala kumpens ghax-xoghol hazin li kien gie kkonsenjat lilhom.

Illi ghandu jinghad illi ghalkemm minn naha attrici dina t-tpacija qieghda tigi kkontestata, t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-verzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta hija wahda aktar verosimili. Ix-xhud migjub mill-attur nomine ezebixxa *statement* biss. Jixhed illi huwa minnu, kif allegaw ix-xhieda konvenuta illi l-*partner* tieghu Emanuel Chircop kien jiehu hsieb l-ilmenti li kienu jsiru u ghalhekk dak illi jghidu Lino u Marcel Mercieca fix-xhieda taghhom jaghmel sens. Illi ghalhekk maghmula dawn il-kostatazzjonijiet jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi minn naha tas-socjeta' konvenuta d-dejn kien gie estint u huma ma kellhom jaghtu l-ebda ammont lis-socjeta' *Continental Postform Limited*, tant illi f'Dicembru 1998, l-ammont dovut fil-kotba taghhom gie *written off*.

Illi kif gie ripurtat fil-kawza *Costantino Balzan et. vs Carmelo Chetcuti et.* (Vol.XXXIV.i.29), *"il-gurisprudenza taghna ma ghadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bbazati fuq il-presunzjoni tal-pagamenti, ghax il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhux dak li hu hallas, izda li ma hux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibbli ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghal konsegwenza li l-eccipjent ma huwiex debitur."*

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi d-dejn li tieghu qieghed jintalab il-hlas permezz tal-prezenti azzjoni huwa preskritt ai termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, u kwindi jghaddi biex filwaqt illi

jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, jichad it-talba attrici kif dedotta.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-attur nomine.

**Avukat Dr. Edwina Grima**

**Gudikatur**